MALTA

# TRIBUNAL TA' REVIZJONI AMMINISTRATTIVA

## MAGISTRAT DR.

## GABRIELLA VELLA

Seduta tas-27 ta' April, 2015

Rikors Numru. 19/2014

**Ph. Borg Limited**

**Vs**

**Direttur Generali (Dwana)**

**It-Tribunal,**

Ra r-Rikors ipprezentat mis-socjetà Ph. Borg Limited fit-3 ta’ Frar 2014 permezz ta’ liema titlob li t-Tribunal jordna l-hrug tal-licenzja favur taghha sabiex tkun tista’ topera taht sisa registrata;

Ra r-Risposta tad-Direttur Generali (Dwana) permezz ta’ liema jopponi ghat-talba tas-socjetà Rikorrenti u jitlob li l-istess tigi michuda, bl-ispejjez kontra taghha, stante li: (i) in linea preliminari l-Avukat Generali ghadu mhux notifikat bl-azzjoni odjerna ai termini ta’ l-Artikolu 181B tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta’ Malta; (ii) in linea preliminari wkoll, ghandu jigi ccarat li l-azzjoni odjerna kellha ssir kontra d-Direttur Generali (Dwana) u mhux kontra d-Dipartiment tad-Dwana; (iii) in linea preliminari wkoll, l-azzjoni odjerna hija tardiva ai termini ta’ l-Artikolu 31 tal-Kap.382 tal-Ligijiet ta’ Malta stante li d-decizjoni tieghu inbaghtet b’e-mail datata 4 ta’ Ottubru 2013, filwaqt li l-azzjoni odjerna giet intavolata fit-3 ta’ Frar 2014; (iv) fil-meritu u bla pregudizzju ghall-ewwel tlett eccezzjonijiet, it-talba tas-socjetà Rikorrenti hija infondata fil-fatt u fid-dritt ai termini ta’ l-Artikolu 29A(3)(a) tal-Kap.382 tal-Ligijiet ta’ Malta peress illi: (a) jirrizulta li s-socjetà rikorrenti fl-attivitajiet taghha

precedenti mieghu [ossia mad-Direttur Generali (Dwana)] naqset mill-kompetenza, il-kredibilità u l-fiducja necessarja stante li d-Direttur taghha Philip Borg ikkommetta offizi kontra l-provvedimenti tal-Kap.382 senjatament fiz-zamma illegali ta' gasoil; (b) ghalkemm l-applikazzjoni giet intavolata f'isem is-socjetà Rikorrenti Ph. Borg Limited, l-istess applikazzjoni giet sottomessa mid-Direttur taghha li hu Philip Borg li kien direttament involut f'offizi kontra l-provvedimenti tal-Kap.382 li hi ligi specjali li tirregola l-prodotti suggetti ghad-dazju tas-Sisa, inkluz gasoil li ghalih qed tintalab il-licenzja ghall-hazna u n-negozjar tieghu permezz tal-proceduri odjerni; (c) f'cirkostanzi precedenti, Philip Borg li del resto ghamel l-applikazzjoni in kwistjoni ghan-nom tas-socjetà Rikorrenti kien skopert fil-pussess illegali ta' gasoil sdazjat, liema prodott hu kontrollat u soggett ghad-dazju tas-Sisa. Ghalhekk l-istess Direttur tas-socjetà Rikorrenti Philip Borg ma jistax jitqies li hu "persuna idoneja w adatta" kif titlob il-Ligi ai termini ta' l-Artikolu 29A(2)(c) tal-Kap.382 tal-Ligijiet ta' Malta;

Ra li waqt is-seduta tat-8 ta' April 2014[1] il-partijiet kontendenti qablu li fid-dawl tat-tielet eccezzjoni sollevata mid-Direttur Generali (Dwana) it-Tribunal kellu jittratta u jiddeciedi tali eccezzjoni qabel ma jidhol fil-meritu ta' dawn il-proceduri izda imbaghad waqt is-seduta tas-6 ta' Ottubru 2014[2] il-partijiet kontendenti qablu li minkejja l-eccezzjoni tat-tardività ta' l-appell odjern sollevata mid-Direttur Generali (Dwana), ghandhom jitressqu l-provi fil-meritu wkoll ghall-fini li t-Tribunal jaghti sentenza wahda fuq kollox;

Sema' x-xhieda ta' Martin Spiteri, Direttur tas-Sisa u Sistemi, moghtija waqt is-seduta tat-8 ta' Mejju 2014[3] u ra d-dokumenti esebiti minnu markati Dok. "MS1" u Dok. "MS2" a fol. 17 u 18 tal-process, sema' x-xhieda ta' Philip Borg moghtija waqt is-seduta tas-6 ta' Ottubru 2014[4] u ra d-dokument esebit minnu markat Dok. "PB1" a fol. 26 tal-process, sema' x-xhieda ta' Joseph Chetcui, Direttur ghas-Sisa, moghtija waqt is-seduta ta' l-10 ta' Novembru 2014[5] u ra d-dokumenti esebiti minnu markati Dok. "JC1" a fol. 33 u 34 tal-process;

Sema' t-trattazzjoni orali da parte tad-difensuri tal-partijiet kontendenti;

Ra l-atti l-ohra kollha tal-kawza;

**Ikkonsidra:**

Bil-proceduri odjerni s-socjetà Rikorrenti tikkontesta d-decizjoni ta' l-Intimat li jichad it-talba taghha sabiex tigi awtorizzata tagixxi bhala negozjant tas-sisa registrat. Hija tikkontendi li t-talba taghha ma kellhiex tigi michuda ghaliex *l-imsemmija kumpanija qatt ma kellha ebda raguni ghaliex tigi rifjutata u se mai hemm artikolu iehor fl-istess Kap.382 fejn kumpanija tigi rifjuata.* L-Intimat da parte tieghu jikkontendi però li t-talba tas-socjetà Rikorrenti ghandha tigi michuda ghaliex: (i) fl-ewwel lok, il-proceduri odjerni huma tardivi ai termini ta' l-Artikolu 31

[1] Fol. 15 tal-process.

[2] Fol. 25 tal-process.

[3] Fol. 19 sa' 23 tal-process.

[4] Fol. 27 sa' 31 tal-process.

[5] Fol. 35 sa' 38 tal-process.

tal-Kap.382 tal-Ligijiet ta' Malta; u ghaliex (ii) fil-meritu t-talba taghha hija infondata fil-fatt u fid-dritt ai termini ta' l-Artikolu 29A(3)(a) tal-Kap.382 tal-Ligijiet ta' Malta, peress illi: (a) jirrizulta li is-socjetà rikorrenti fl-attivitajiet taghha precedenti mieghu [ossia mad-Direttur Generali (Dwana)] naqset mill-kompetenza, il-kredibilità u l-fiducja necessarja stante li id-Direttur taghha Philip Borg ikkommetta offizi kontra l-provvedimenti tal-Kap.382, senjatament fiz-zamma illegali ta' gasoil; (b) ghalkemm l-applikazzjoni giet intavolata f'isem is-socjetà Rikorrenti Ph. Borg Limited, l-istess applikazzjoni giet sottomessa mid-Direttur taghha li hu Philip Borg li kien direttament involut f'offizi kontra l-provvedimenti tal-Kap.382 li hi ligi specjali li tirregola l-prodotti suggetti ghad-dazju tas-Sisa, inkluz gasoil li ghalih qed tintalab il-licenzja ghall-hazna u n-negozjar tieghu permezz tal-proceduri odjerni; (c) f'cirkostanzi precedenti, Philip Borg, li del resto ghamel l-applikazzjoni in kwistjoni ghan-nom tas-socjetà Rikorrenti, kien skopert fil-pussess illegali ta' gasoil sdazjat, liema prodott hu kontrollat u soggett ghad-dazju tas-Sisa. Ghalhekk l-istess Direttur tas-socjetà Rikorrenti Philip Borg ma jistax jitqies li hu "persuna idoneja w adatta" kif titlob il-Ligi ai termini ta' l-Artikolu 29A(2)(c) tal-Kap.382 tal-Ligijiet ta' Malta.

Apparte dawn il-kontestazzjonijiet l-Intimat eccepixxa wkoll illi: (i) *l-Avukat Generali ghadu mhux notifikat bl-azzjoni odjerna ai termini ta' l-Artikolu 181B tal-Kap.12;* u li (ii) *ghandu jigi ccarat li l-azzjoni odjerna kellha issir kontra l-esponent Direttur Generali (Dwana) u mhux kontra d-Dipartiment tad-Dwana.* In kwantu rigwarda din l-ahhar eccezzjoni, b'Digriet moghti fit-8 ta' April 2014, fuq talba tas-socjetà Rikorrenti t-Tribunal ordna li ssir korrezzjoni fir-Rikors promotur u kull fejn mehtieg fl-atti ta' dawn il-proceduri fis-sens illi l-kliem "Dipartiment tad-Dwana" jigu ikkancellati u sostitwiti bil-kliem "Direttur Generali (Dwana)". Fid-dawl ta' tali Digriet ghalhekk ma hemmx lok li t-tieni eccezzjoni preliminari sollevata mill-Intimat tigi kkunsidrata ulterjorment.

In kwantu rigwarda l-ewwel eccezzjoni preliminari sollevata mill-Intimat, u cioè li l-Avukat Generali ghadu mhux notifikat bl-azzjoni odjerna ai termini ta' l-Artikolu 181B tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta, it-Tribunal hu tal-fehma li fi proceduri istitwiti quddiemu, li huma proceduri partikolari u ta' natura ben specifika in kwantu intizi u diretti ghar-revizjoni ta' atti amministrattivi, ma hemmx il-htiega tan-notifika tar-Rikors promotur lill-Avukat Generali wkoll oltre n-notifika ta' l-istess lill-Awtorità pubblika koncernata u dana stante li tali notifika la hija mehtiega ai termini ta' l-Att dwar il-Gustizzja Amministrattiva, Kap.490 tal-Ligijiet ta' Malta, li hija l-Ligi li tirregola l-modalità tal-prezentata ta' proceduri quddiem it-Tribunal, u lanqas ma hija mehtiega mid-disposizzjonijiet tal-Kap.382 tal-Ligijiet ta' Malta, li hija il-Ligi partikolari applikabbli fil-kaz in ezami.

Ai termini ta' l-Artikolu 31(1) tal-Kap.382 tal-Ligijiet ta' Malta: *(1) minghajr hsara ghal dak li hemm provdut ghalih fl-artikolu 32, jista' jsir appell minn decizjoni tal-Kummissarju taht l-artikoli 29A u 30 lit-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva.* Ai termini ta' l-Artikolu 32(1) u (4) ta' l-imsemmi Kapitolu tal-Ligi: *(1) Meta xi persuna ma tkunx sodisfatta b'xi decizjoni mehuda mill-Kummissarju ghar-rigward tieghu, hija tista' tappella lit-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva stabbilit fl-artikolu 5 ta' l-Att dwar Gustizzja Amministrattiva kontra dik id-decizjoni; (4) Id-disposizzjonijiet ta' l-Att dwar il-Gustizzja Amministrattiva, safejn ikunu japplikaw ghat-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva, ghandhom japplikaw ghal kull procediment pendenti quddiem l-imsemmi Tribunal u l-kliem "amministrazzjoni*

*pubblika" fl-imsemmija ligi ghandhom jiftiehmu bhala riferenza ghall-Kummissarju.* Ai termini ta' l-Artikolu 15(3) tal-Kap.490 tal-Ligijiet ta' Malta: *Ir-rikors* [li jigi ipprezentat quddiem it-Tribunal] *ghandu jigi notifikat lill-amministrazzjoni*[6] *mhux iktar tard minn hamest ijiem utili mid-data tal-prezentata. Id-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 3 fejn ghandhom x'jaqsmu ma' l-ispeditezza tal-proceduri ghandhom jigu osservati fil-kaz tar-risposta.*

Ghalkemm ai termini tad-disposizzjoni generali kontenuta fil-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, senjatament l-Artikolu 181B, *kull rikors, guramentat jew le, jew att gudizzjarju iehor maghmul kontra l-Gvern ghandu jigi notifikat lil kull kap ta' dipartiment tal-gvern li kontra tieghu jkun dirett u*[7] *lill-Avukat Generali* ... id-disposizzjonijiet specjali relattivi ghall-Ligi Amministrattiva, ossia l-Kap.490 tal-Ligijiet ta' Malta u fil-kaz in ezami l-Kap.382 tal-Ligijiet ta' Malta, kjarament ma jesigux tali notifika lill-Avukat Generali wkoll.

Ghal kull buon fini jigi osservat li ai termini ta' l-imsemmi Artikolu 181B tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta, l-effett tan-nuqqas tan-notifika tar-Rikors promotur lill-Avukat Generali hu li ma jibdiex jiddekorri t-terminu ghar-Risposta ta' l-intimat, fil-kaz in ezami terminu ta' ghoxrin gurnata, u meta wiehed jezamina sew l-atti tal-proceduri odjerni jinduna ghaliex l-Intimat ressaq din l-eccezzjoni partikolari.

Mill-atti processwali jirrizulta li l-Intimat gie notifikat fit-8 ta' Frar 2014 b'dana ghalhekk li r-Risposta tieghu kellha tigi pprezentata sal-Gimgha 28 ta' Frar 2014. Ir-Risposta ta' l-Intimat però giet ipprezentata fis-6 ta' Marzu 2014, ossia ben sitt ijiem wara li ghalaq it-terminu ghall-prezentata ta' tali Risposta. Dana jfisser ghalhekk li l-Intimat kien kontumaci f'dawn il-proceduri, fatt dan li sfugga kemm lis-socjetà Rikorrenti kif ukoll lit-Tribunal.

Ghalkemm huwa principju stabbilit fis-sistema guridika nostrali li konvenut/intimat li jibqa' kontumaci ma jistax semplicement jipprezenta Risposta *fuori termine* imma jrid jipprezenta Rikors sabiex jiggustifika tali kontumacja jew inkella jottjeni l-visto tal-kontro-parti, fil-kaz in ezami t-Tribunal ihoss li ghandu jaccetta l-prezentata tar-Risposta ta' l-Intimat u jikkunsidraha xorta wahda ghas-segwenti ragunijiet: (i) nonostante dak iktar 'l fuq osservat dwar il-fatt li f'kawzi dwar revizjoni ta' atti amministrattivi ma hemmx il-htiega ai termini tal-Ligi tan-notifika lill-Avukat Generali, it-Tribunal jemmen li t-tardività tal-prezentata tar-Risposta da parte ta' l-Intimat ma hijiex wahda kolpuza imma dettata mill-fatt li l-Intimat kien taht l-impressjoni li l-obbligu tan-notifika lill-Avukat Generali ai termini ta' l-Artikolu 181B tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta japplika f'dawn il-kawzi wkoll bhalma japplika f'kull procedura ohra istitwita kontra l-Gvern ta' Malta; (ii) ladarba l-kontumacja ta' l-Intimat ma gietx rilevata la mis-socjetà Rikorrenti u lanqas mit-Tribunal fil-bidu ta' dawn il-proceduri, ma jkunx gust u korrett li l-posizzjoni ta' l-Intimat tigi pregudikata fl-istadju finali tal-proceduri u senjatament ezatt qabel ma tinghata s-sentenza; u (iii) fi kwalunkwe kaz, il-kwistjoni tat-tardività tal-proceduri odjerni u l-fondatezza o meno t-talba tas-socjetà Rikorrenti, li essenzjalment huma l-kontestazzjonijiet centrali ta' l-Intimat ghat-talba tas-socjetà Rikorrenti, huma kwistjonijiet li xorta wahda ghandhom jigu ikkunsidrati mit-Tribunal anke kieku kellu jiddikjara li l-Intimat huwa kontumaci ghaliex: (a) il-kwistjoni tat-tardività hija

[6] Sottolinear tat-Tribunal.
[7] Sottolinear rat-Tribunal.

kwistjoni ta' ordni pubbliku u tista', anzi ghandha, tigi sollevata mit-Tribunal *ex officio*; u (b) is-socjetà Rikorrenti fi kwalunkwe kaz ghandha tipprova t-talba taghha.

Sorvolata din il-kwistjoni t-Tribunal iqis li ghandu issa jittratta t-tielet eccezzjoni preliminari sollevata mill-Intimat u cioè li *l-azzjoni odjerna hi tardiva ai termini ta' l-Artikolu 31 tal-Kapitolu 382 stante li d-decizjoni ta' l-esponent inbaghtet b'email datata 4 ta' Ottubru 2013, filwaqt li l-azzjoni odjerna giet intavolata fit-3 ta' Frar 2014.*

L-Artikolu 31(2) tal-Kap.382 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi li: *persuna li bi hsiebha tappella skont dan l-artikolu kontra decizjoni tal-Kummissarju ghandha – (a) fi zmien tletin jum min-notifika ta' dik id-decizjoni; jew (b) fi zmien tletin jum minn meta jiskadi t-terminu ghal dik id-decizjoni skont liema minnhom ikun l-aktar kmieni taghtih avviz dawr l-intenzjoni taghha.* Minn ezami tad-disposizzjonijiet tal-Kap.382 tal-Ligijiet ta' Malta ghal dak li jirrigwarda l-awtorizzazzjoni biex persuna naturali jew morali tagixxi bhala negozjant tas-sisa registrat, it-Tribunal hu tal-fehma li t-terminu applikabbli huwa dak ta' tletin jum **min-notifika tad-decizjoni tal-Kummissarju**[8].

L-Intimat jikkontendi li l-e-mail mibghuta minn Martin Spiteri lis-socjetà Rikorrenti fl-4 ta' Ottubru 2013[9] tikkostitwixxi n-notifika tad-decizjoni tal-Kummissarju fir-rigward tat-talba taghha u ghaldaqstant it-terminu ta' tletin gurnata previst fil-Ligi beda jiddekorri minn dakinhar. Is-socjetà Rikorrenti però tikkontendi li n-notifika propria tad-decizjoni formali tal-Kummissarju sehhet biss bl-ittra indirizzata lilha datata 16 ta' Jannar 2014[10] b'dana ghalhekk li l-proceduri odjerni istitwiti fit-3 ta' Frar 2014, gew effettivament istitwiti entro t-terminu ta' tletin gurnata previst fil-Ligi.

It-Tribunal haseb fit-tul dwar din il-kwistjoni u finalment wasal ghall-konkluzjoni li kuntrarjament ghal dak pretiz mill-Intimat id-decizjoni formali fir-rigward tat-talba tas-socjetà Rikorrenti hija dik notifikata lilha permezz ta' l-ittra tas-16 ta' Jannar 2014 u mhux l-e-mail datata 4 ta' Ottubru 2013.

Huwa principju assodat fid-Dritt Amministrattiv li decizjoni amministrattiva ghandu jkun fiha r-raguni/ragunijiet a bazi ta' liema l-awtorità pubblika tkun waslet ghal dik id-decizjoni partikolari. *The principles of natural justice do not, as yet, include any general rule that reasons should be given for decisions. Nevertheless there is a strong case to be made for the giving of reasons as an essential element of administrative justice. The need for it has been sharply exposed by the expanding law of judicial review, now that so many decisions are liable to be quashed or appealed against on grounds of improper purpose, irrelevant considerations and errors of law of various kinds. Unless the citizen can discover the reasoning behind the decision, he may be unable to tell whether it is reviewable or not, and so he may be deprived of the protection of the law. A right to reasons is therefore an indispensable part of a sound system of judicial review. Natural justice may provide the best rubric for it, since the giving of reasons is required by the ordinary man's sense of justice. It is also a healthy discipline for all who exercise power over*

[8] Enfasi tat-Tribunal.

[9] Dok. "MS1" a fol. 19 tal-process.

[10] Dok. "JC1" a fol. 33 tal-process.

*others. "No single factor has inhibited the development of English administrative law as seriously as the absence of any general obligation upon public authorities to give reasons for their decisions." … Notwithstanding that there is no general rule requiring the giving of reasons, it is increasingly clear that there are many circumstances in which an administrative authority which fails to give reasons will be found to have acted unlawfully. The House of Lords has recognised "a perceptible trend towards an insistence on greater openness … or transparency in the making of administrative decisions" and consequently has held that where, in the context of the case, it is unfair not to give reasons, they must be given. … The time has now surely come for the court to acknowledge that there is a general rule that reasons should be given for decisions, based on the principle of fairness which permeates administrative law, subject only to specific exceptions to be identified as cases arise. Such rule should not be unduly onerous, since reasons need never be more elaborate than the nature of the case admits, but the presumption should be in favour of giving reasons, rather than, as at present, in favour of withholding them*[11].

Fl-email ta' l-4 ta' Ottubru 2013 is-socjetà Rikorrenti, wara *query* da parte taghha permezz ta' email datata 4 ta' Settembru 2013, giet infurmata minn Martin Spiteri li *further to your email hereunder, I am to inform you that your application has been considered and is being refused on the basis of Article 29A(3)(a) of the Excise Duty Act (CAP.382).* Bl-ittra tas-16 ta' Jannar 2014 is-socjetà Rikorrenti giet infurmata mid-Direttur Generali (Dwana) li *nikkonferma l-kontenut ta' l-e-mail li ntabaghtet lilek fl-4 ta' Ottubru 2013 dwar dan is-suggett* [ossia applikazzjoni ta' Ph. Borg Limited C 56435 biex issir negozjant tas-sisa registrat]. *Hu minnu li inti illum qed tapplika f'isem Ph. Borg Limited. Però l-Artikolu 29A (2)(c) tal-Kap.382 jipprovdi li meta l-applikant hija kumpanija, il-Kummissarju ghandu jara li d-diretturi u persuni ohra li ghandhom il-kontroll tal-kumpanija huma persuni idonei. Irrizulta minn din l-indagni li ghamel il-Kummissarju, li direttur tal-kumpanija, Philip Borg, ID 526082(M) fil-passat ma kienx onest fix-xoghol tieghu mal-Kummissarju u fil-fatt hu ffirma ftehim ai termini ta' l-Artikolu 63 tal-Kap.37. Ghalhekk l-applikazzjoni ta' Ph. Borg Limited biex issir negozjant tas-sisa registrat qed tkun rifjutata.*

Minn ezami ta' l-e-mail ta' l-4 ta' Ottubru 2013 u ta' l-ittra tas-16 ta' Jannar 2014 huwa bilwisq evidenti li l-Intimat onora l-obbligu tieghu li jaghti ragunijiet ghac-cahda tat-talba tas-socjetà Rikorrenti fl-ittra tas-16 ta' Jannar 2014. Ghalkemm fl-e-mail hemm referenza ghall-Artikolu 29A(2)(c) tal-Kap.382 tal-Ligijiet ta' Malta bhala l-bazi tad-decizjoni fil-konfront tas-socjetà Rikorrenti, huwa biss fl-ittra tas-16 ta' Jannar 2014 li r-ragunijiet ghac-cahda tat-talba tas-socjetà gew lilha moghtija w esposti b'mod car.

In effetti ghalkemm fl-e-mail ta' l-4 ta' Ottubru 2013 hemm indikazzjoni ghall-Artikolu tal-Ligi li jipprovdi illi *meta l-applikant huwa kumpannija, il-Kummissarju ghandu jara li d-diretturi u persuni ohra li ghandhom il-kontroll tal-kumpanija huma persuni idonei,* li di per se dan l-artikolu tal-ligi ma jistax jitqies bahal **raguni** ghal cahda ta' talba ghall-awtorizzazzjoni izda huwa se mai **rekwizit** mehtieg ghall-awtorizzazzjoini, kien biss fl-ittra tas-16 ta' Jannar 2014 li s-socjetà Rikorrenti nghatat ir-raguni ghaliex skond l-Intimat it-talba taghha ma setghetx tigi milqugha u

[11] Administrative Law, 10th Edition, H.W.R. Wade & C.E. Forsyth – pagna 436 sa' 439.

cioè ghaliex hi, jew ahjar id-Direttur taghha Philip Borg, fl-attivitajiet tieghu mal-Kummissarju kien nieqes mill-onestà, inntegrità u kompetenza. B'hekk kuntrarjament ghal dak pretiz mill-Intimat, l-e-mail ta' l-4 ta' Ottubru 2013 ma tista' qatt tikkwalifika bhala decizjoni formali ta' awtorità pubblika, f'dan il-kaz id-Direttur Generali (Dwana) kif delegat mill-Kummissarju tat-Taxxi, jew li b'dik l-e-mail is-socjetà Rikorrenti giet notifikata bid-decizjoni tad-Direttur Generali (Dwana).

Apparte minn hekk l-e-mail in kwistjoni ma jirrizultax li nharget minn persuna effettivament kompetenti ai termini tal-Ligi li **tiehu decizjoni** fir-rigward tat-talba tas-socjetà Rikorrenti. L-Artikolu 29A tal-Kap.382 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi bl-iktar mod car li ***l-Kummissarju*** *jista' jaghti lil, jirrifjuta li jaghti jew jirtira awtorizzazzjoni minghand persuna sabiex tagixxi bhala negozjant tas-sisa registrat jew ta' kustodju ta' mahzen awtorizzat*. Ai termini ta' l-Artikolu 2 tal-Kap.382 tal-Ligijiet ta' Malta *"il-Kummissarju" ghandha l-istess tifsira moghtija lilha fl-Ordinanza tad-Dwana*, Kap.37 tal-Ligijiet ta' Malta, fejn insibu li *"Kummissarju tat-Taxxi" (izjed 'il quddiem imsejjah "Kummissarju") ifisser il-Kummissarju tat-Taxxi, u jfisser ukoll kull persuna ohra li jkollha s-setgha espressa jew implicita li taghmel flok il-Kummissarju hawn fuq imsemmi fl-esekuzzjoni tad-disposizzjonijiet ta' din l-Ordinanza.*

Bis-sahha ta' Ordni ta' Delega ta' Funzjonijiet relattiv ghall-Att dwar il-Kummissarju tat-Taxxi, Kap. 517 tal-Ligijiet ta' Malta, ippublikat fil-harga tal-Gazzetta ta-Gvern ta' l-20 ta' Lulju 2012, il-Kummissarju *qieghed hawn jiddelega id-drittijiet, id-doveri, is-setghat u l-funzjonijiet, inkluza r-rapprezentanza legali u gudizzjarja tal-Gvern moghtija lilu mis-subartikolu (5) ta' l-artikolu 3 ta' l-imsemmi Att, hawn aktar 'il quddiem imsejhin "id-drittijiet", kif gej: (c) id-drittijiet taht l-Ordinanza tad-Dwana, l-Att dwar id-Dazji ta' Importazzjoni*[12]*, l-Att dwar Dazju tas-Sisa, u kull regolament maghmul tahtom, ghandhom ikunu vestiti fl-ufficjal li minn zmien ghal zmien jokkupa l-kariga ta' Direttur Generali (Dwana). ... Din l-Ordni u d-delegi maghmula tahtha ghandhom issehhu b'sehh mill-20 ta' Jannar 2012...* B'hekk l-Ufficcjal mid-Dipartiment tad-Dwana li jista' jaghti, jirrifjuta jew jirtira awtorizzazzjoni minghand persuna biex tagixxi bhala negozjant tas-sisa registrat jew ta' kustodju ta' mahzen awtorizzat huwa d-Direttur Generali (Dwana), ossia Joseph P. Brincat li ffirma l-ittra tas-16 ta' Jannar 2014 u mhux Martin Spiteri li baghat l-e-mail ta' l-4 ta' Ottubru 2013. Ladarba dik l-e-mail ma nhargitx direttament mid-Direttur Generali (Dwana) it-Tribunal ma jistax iqis li l-istess tikkostitwixxi d-decizjoni formali fir-rigward tat-talba tas-socjetà Rikorrenti u ladarba d-decizjoni formali tad-Direttur Generali (Dwana) lanqas intbaghtet imqar bhala *attachment* ma' dik l-e-mail, ghad illi it-Tribunal ghandu r-riservi tieghu dwar tali metodu ta' notifika ta' decizjoni li minnha jista' jigi intavolat appell entro terminu statutorju ben preciz, jigi ribadit li ma jistax jitqies li b'dik l-e-mail is-socjetà Rikorrenti giet notifikata bid-decizjoni tad-Direttur Generali (Dwana) dwar it-talba taghha.

Fid-dawl ta' dan kollu osservat ghalhekk it-Tribunal iqis li kuntrarjament ghal dak pretiz mill-Intimat, il-proceduri odjerni ma humiex tardivi izda gew validament istitwiti entro t-terminu ta' tletin jum previst fil-Ligi, senjatament fl-Artikolu 31 tal-Kap.382 tal-Ligijiet ta' Malta.

---

[12] Kap.337 tal-Ligijiet ta' Malta.

Trattata din il-kwistjoni jehtieg issa li l-appell tas-socjetà Rikorrenti jigi trattat fil-meritu u cioè jekk l-Intimat kienx gustifikat o meno li jichad it-talba taghha biex tigi awtorizzata tagixxi bhala negozjant tas-sisa registrat.

Kif già iktar 'l fuq osservat l-Intimat cahad it-talba tas-socjetà Rikorrenti ghaliex ai termini ta' l-Artikolu 29A(2)(c) tal-Kap.382 tal-Ligijiet ta' Malta, *meta l-applikant huwa kumpannija, il-Kummissarju ghandu jara li d-diretturi u persuni ohra li ghandhom il-kontroll tal-kumpanija huma persuni idoeni* u minn investigazzjoni li ghamel l-istess Kummissarju rrizulta li Philip Borg, Direttur tas-socjetà Rikorrenti, *fil-passat ma kienx onest fix-xoghol tieghu mal-Kummissarju u fil-fatt hu ffirma ftehim ai termini ta' l-Artikolu 63 tal-Kap.37 tal-Ligijiet ta' Malta.*

L-awtorizzazzjoni, ic-cahda jew l-irtirar ta' awtorizzazzjoni ta' persuna sabiex tagixxi bhala negozjant tas-sisa registrat jew ta' kustodju ta' mahzen awtorizzat huma regolati b'dak dispost fl-Artikolu 29A (2) u (3) tal-Kap.382 tal-Ligijiet ta' Malta: *(2) il-Kummissarju jista' jirrifjuta li jaghti jew jirtira awtorizzazzjoni skont is-subartikolu (1) jekk fl-opinjoni tal-Kummissarju: (a) fejn l-applikant huwa persuna naturali, l-applikant ma jkunx persuna idonea w adatta; (b) fejn l-applikant huwa socjetà, xi wiehed mis-socji ma jkun persuna idonea w adatta; (c) fejn l-applikant huwa kumpannija, xi direttur, azzjonista jew ufficjal tal-kumpannija li tkun involuta fit-tmexxija jew kontroll tal-kumpannija, ma tkunx persuna idonea w adatta. (3) Persuna naturali, socjetà jew kumpannija hija meqjusa illi mhix persuna idonea jew adatta, kemm-il darba fost ohrajn: (a) fl-attivitajiet taghha mal-Kummissarju tkun nieqsa mill-onestà, integrità u kompetenza; jew (b) mhix finanzjarjament stabbli; jew (c) kisret xi wahda mid-disposizzjonijiet ta' dan l-Att jew ta' xi Att iehor relatat mad-dwana; jew (d) instabet hatja li ikkommettiet reat kriminali jew xi offiza ohra relatati ma' proprjetà u sigurtà pubblika, fiducja pubblika, dhul finanzjarju tal-gvern u servizzi finanzjarji.*

Huwa evidenti li l-Intimat ibbaza c-cahda tieghu ghat-talba tas-socjetà Rikorrenti fuq dak provdut fl-Artikolu 29A(3)(a) tal-Kap.382 tal-Ligijiet ta' Malta u l-kwistjoni partikolari li jaghmel referenza ghaliha hija kwistjoni li Philip Borg kellu mall-Kummissarju fl-2010 fi zmien meta kien jopera l-istess tip ta' negozju bhas-socjetà Rikorrenti izda f'ismu personali.

Mill-provi prodotti rrizulta li fl-2010 Philip Borg kien instab fil-pussess ta' *gasoil* zdazjat, li huwa prodott ikkontrollat u soggett ghad-dazju tas-Sisa, in vjolazzjoni tad-disposizzjonijiet tal-Ligi dwar id-dazju tas-Sisa. Irrizulta wkoll li ma ttiehdu l-ebda passi legali fil-konfront ta' Philip Borg ghaliex a tenur ta' l-Artikolu 63 tal-Kap.37 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Ordinanza tad-Dwana, il-Kummissarju, bi ftehim ma' l-istess Philip Borg, minflok impona fuqu penali. In effetti mid-dokument a fol. 34 tal-process jirrizulta li in konnessjoni ma' dan il-kaz Philip Borg kien accetta *illi minflok ma jinbdew proceduri legali fil-Qorti: (i) inhallas id-Dazju, Taxxi u Multi dovuti hekk kif imsemmi fil-ligi tad-Dwana Kapitlu 37, Artiklu 63* – li ammontaw ghal €102 bhala taxxa tas-sisa u €102 bhala multa; *(ii) inhallas it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud (VAT) u multa dovuta* – li ammontaw ghal €80 bhala VAT u €80 bhala multa; *(iii) nikkonferma li llum id-diesel mizmum huwa già proprjetà tal-Gvern ta' Malta.* Bhala fatt Philip Borg hallas l-ammont totali ta' €416, liema ammont kien jinkludi wkoll l-ispejjez ta' l-analizi mill-laboratorju ammontanti ghal €132.

Is-socjetà Rikorrenti tikkontendi li ghalkemm Philip Borg kellu din il-kwistjoni mall-Kummissarju, dan kien kaz izolat, fejn per di più l-ammont ta' dazju involut kien wiehed zghir, u ghalhekk lill-istess Philip Borg, u konsegwentement lis-socjetà Rikorrenti, ma ghandux jibqa' jigi ppenalizzat minhabba f'dan il-kaz tul il-kumplament tal-kors tan-negozju u hajja lavorattiva tieghu. L-Intimat da parte tieghu jikkontendi li *tax warehouse keeper ladarba qed jopera taht duty suspension qed jigi fdat bir-revenue tal-Gvern jigifieri hemm element ta' fiducja qawwija ghaliex qed jigi fdat illi jahzen prodotti dazjabbli under duty suspension, jigifieri minghajr il-hlas tad-dazju, u jkun kontrollat b'management program mid-dipartiment u hemmhekk allura l-element ta' fiducja irid ikun wiehed kbir*[13] u ladarba Philip Borg ma kienx affiddabbli f'ammont zghir wisq inqas jista' jitqies affidabbli f'ammonti kbar.

It-Tribunal wara li qies il-kaz pendenti quddiemu u b'mod partikolari wara li qies l-Artikolu 63 tal-Kap.37 tal-Ligijiet ta' Malta, wasal ghall-konkluzzjoni li fic-cirkostanzi ta' dan il-kaz id-decizjoni ta' l-Intimat hija nieqsa mill-proporzjonalità u konsegwentement ma hijiex wahda ragjonevoli.

Minn ezami ta' dak provdut fl-Artikolu 63 tal-Kap.37 tal-Ligijiet ta' Malta, li jittratta dwar l-imposizzjoni ta' pieni bi ftehim, jirrizulta b'mod car li dak il-provvediment tal-Ligi jigi applikat biss f'cirkostanzi fejn il-Kummissarju jidhirlu li l-vjolazzjoni involuta tkun wahda ta' importanza zghira.

Ghalkemm illum l-Artikolu 63 tal-Kap.37 tal-Ligijiet ta' Malta jittratta dwar diversi sitwazzjonijiet ta' vjolazzjoni, fiz-zmien meta wettaq il-vjolazzjoni Philip Borg l-imsemmi artikolu tal-Ligi kien jipprovdi li *b'dak kollu li jinsab f'xi disposizzjoni ohra ta' din l-Ordinanza, fil-kaz ta' xi irregolarità li jekk ma tinqabadx, ikun telf ta' dazju tad-dwana* ***ta' mhux izjed minn elf mija u erbgha u sittin euro u dusgha u sittin centezmu (1,164.69)***[14]*, il-Kummissarju* ***jista'***[15]*, b'ftehim mal-importatur, jimponi penali li tkun daqs id-dazju li seta' ntilef minflok procedimenti f'qorti: Izda d-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu jistghu jigu wkoll applikati fil-kaz ta' kontravvenzjonijiet ta' din l-Ordinanza li jkunu ammont ta' dazju perikolat ghandu jitqies, ghall-finijiet ta' dan l-artikolu li jkunu ekwivalenti ghal hamsa fil-mija tal-valur ta' l-oggetti* u qabel ma' gie introdott il-kuncett tal-*quantum* tad-dazju perikolat l-imsemmi artikolu tal-Ligi kien japplika f'kaz ta' infrazzjoni *ta' importanza zghira*.

Ladarba l-Kummissarju deherlu li fir-rigward ta' Philip Borg seta' japplika l-imsemmi artikolu tal-Ligi, ghaliex dan l-artikolu huwa fakoltattiv fuq il-Kummissarju u mhux tassattiv in kwantu t-test tal-Ligi kjarament jipprovdi li il-Kummissarju **jista'** u mhux **ghandu** bi ftehim ma' l-importatur jimponi penali flok jittiehdu proceduri legali, liema artikolu jigi rabit kien applikbbli biss fejn id-dazju perikolat ma kienx f'ammont kbir, it-Tribunal hu tal-fehma li ma huwiex gust, proporzjonali u ragonevoli li llum dak l-istess kaz jirrendi lil Philip Borg *qua* Direttur tas-socjetà Rikorrenti persuna mhux idoena w adatta ghall-finijiet ta' awtorizzazzjoni sabiex l-imsemmija socjetà tagixxi bhala negozjant tas-sisa registrat.

---

[13] Xhieda moghtija minn Joseph Chetcuti, direttur ghas-Sisa b' effett minn Mejju 2014, waqt is-seduta ta' l-10 ta' Novembru 2014, fol. 35 sa' 38 tal-process.
[14] Enfasi tat-Tribunal.
[15] Enfasi tat-Tribunal.

Il-kuncett tal-proporzjonalità fid-dritt amministrattiv jirrikjedi li kull att ta’ amministrazzjoni pubblika ghandu jkun proporzjonat skond l-iskop tieghu u l-effett li jipproduci. Fi ftit kliem l-ezercizzju tas-setgha ma ghandux ikun eccessiv kemm fil-mezzi wzati kif ukoll fil-konsegwenzi tieghu. Issa, filwaqt li huwa veru li fil-passat Philip Borg zbalja, ghal liema zball però irrimedja, u huwa veru wkoll li r-rwol ta' negozjant tas-sisa registrat huwa rwol ta' fiducja, meta wiehed iqis id-diversi prekawzjonijiet u salvagwardji li l-Intimat jista’ jiehu fir-rigward ta’ l-operat ta’ kustodju ta’ mahzen awtorizzat u ta’ negozjant tas-sisa registrat a tenur ta’ l-Artikoli 10 u 10A tal-Kap.382 tal-Ligijiet ta’ Malta, bhal ad ezempju l-ghoti ta’ garanzija da parte tal-kustodju jew negozjant skond il-kaz ghall-hlas tad-dazju, li hi biss wahda mis-salvagwardi u prekawzjonijiet a disposizzjoni tal-Kummissjaru, in-nuqqas ta' proporzjonalità fid-decizjoni ta' l-Intimat fil-kaz in ezami huwa lampanti.

Fil-fehma tat-Tribunal fic-cirkostanzi partikolari ta' dan il-kaz l-Intimat seta' jittutela d-dhul tal-Gvern u jaccerta ruhu mill-konformità tas-socjetà Rikorrenti ghall-obbligi bhala negozjant tas-sista registrat ma jmur ghall-estrem li nettament jichad it-talba tas-socjetà Rikorrenti.
Fil-fehma tat-Tribunal ghalhekk, ladarba d-decizjoni ta' l-Intimat hija hekk nieqsa mill-proporzjonalità u konsegwentement mhux ragjonevoli, ma jisthoqqx li l-istess decizjoni tigi minnu kkonfermata.

Ghal dawn ir-ragunijiet it-Tribunal jaqta’ u jiddeciedi dan l-appell billi filwaqt li jastenji milli jiehu konjizzjoni ulterjuri tat-tieni eccezzjoni preliminari ta' l-Intimat u jichad l-ewwel u t-tielet eccezzjonijiet preliminari sollevati minnu kif ukoll jichad l-eccezzjonijiet tieghu fil-meritu, jilqa' l-appell tas-socjetà Rikorrenti mid-decizjoni ta' l-Intimat dwar it-talba taghha ghall-awtorizzazzjoni sabiex tagixxi bhala negozjant tas-sisa registrat, notifikata lilha bl-ittra datata 16 ta' Jannar 2014, u filwaqt li jhassar u jirrevoka dik l-istess decizjoni jidderigi lill-Intimat sabiex johrog l-awtorizzazzjoni lis-socjetà Rikorrenti sabiex tagixxi bhala negozjant tas-sisa registrat u dana taht dawk it-termini u kondizzjonijiet li jidhirlu li ghandu jimponi fuqha ai termini ta’ l-Artikolu 10A tal-Kap.382 tal-Ligijiet ta’ Malta.

L-ispejjez ta' dawn il-proceduri ghandhom jigu sopportati mill-Intimat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------